**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

## Laqgħa Numru 018/2020

5 ta' Novembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fl-4:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
James Cauchi - Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

## Minuti

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha

### Qari ta' ittri ta' apologija

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsillier James Cauchi kien talab lill-Kunsill Lokali jiskuza l-assenza tieghu mis-seduta minhabba ragunijiet ta' mard. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsillier Cauchi kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsilliera Melanie Agius kienet talbetlill-Kunsill Lokali jiskuza l-assenza taghha mis-seduta minhabba ragunijiet ta' xoghol. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Agisu kellha jigi meqjus bhala gustifikat.

### 18.1 Jum Bormla 2020

18.1.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet waslet proposta sabiex nhar id-19 ta' Novembru 2020 jigi inawgurat xoghol ta' restawr li kien sar fuq monument li kien jikkommemora l-vittmi tat-Tieni Gwerra Dinjija ( fi Triq Dom Mintoff). Dan flimkien ma installazzjoni ta' monument gdid bl-isem ta' 'Id-dghajsa tar-rih', liema monument kien ser jigi installat f'Bacir Numru 1. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fl-opinjoni taghha, galadarba minhabba l-pandemija Covid-19 l-attivitajiet relatati ma' Jum Bormla ma kienux ser isiru hekk kif soltu jsehh, il-Kunsill Lokali kellu jilqa' l-proposta bil-ghan illi fid-19 ta' Novembru xorta wahda ikun hemm sinjal ta' attivita'. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill kellu jilqa' l-proposta. Il-Kunsilliera kellhom jigu mizmuma aggornati b'eventwali zviluppi li seta' jkun hemm dwar il-materja.

18.1.2 Is-Sur Marco Agius qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu ghall-2020 icaqlaq ic-celebrazzjoni tal-quddies li normalment issir fid-19 ta' Novembru filghaxija ghal nhar it-8 ta' Dicembru. Wara diskussjoni libera, filwaqt li gie stabbilit illi l-quddies kellha tittella' nhar id-19 ta' Novembru hekk kif normalment isehh, kien hemm qbil illi kellu jsir kuntatt mal-Kor Tota Pulchra sabiex kemm il-darba l-membri tla-kor imsemmi kienu lesti li jaghtu servizz, dan isehh hekk kif kie gara fis-snin imghoddija.

18.1.3 Wara diskussjoni qasira, gie deciz ukoll illi ghall-2020 kellu jinbidel il-mod ta' kif jinghata Gieh Bormla. Kien hemm qbil illi minflok jinfethu n-nomini u tinzamm cerimonja li matulha jinhgata Gieh Bormla flimkien ma' xi rikonoxximenti, ghall-2020, il-Kunsill Lokali kellu, waqt seduta li kienet ser tkun qieghda tinzamm nhar it-12 ta' Novembru 2020 jiddiskuti u jiddeciedi min kien ser ikun qieghed jinghata Gieh Bormla.

### Aggornament tas-seduta u data tas-seduta li jmiss

Is-seduta giet fi tmiemha fl-4:45p.m. wara li giet ezawrita l-agenda.

Konfermati, illum 12 ta’ Novembru, 2020.

IFFIRMATA

___________________

**Alison Zerafa Civelli**

Sindku

IFFIRMATA

_______________________

**Duncan Hall**

Segretarju Eżekuttiv